MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Avviz Numru. 290/2013

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Bradbury Paul William**

**(ID 60921A)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Settembru 2013 fejn is-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' tlett elef, tmien mija u erbgha Euro u zewgt centezmi (€3,804.02) rapprezentanti somma dovuta in konnessjoni tas-servizz telefoniku cellurari Nru 99015550 bil-kont numru 40168766 kif ahjar deskritt fl-avviz.

Bl-ispejjez kfi deskritti fl-avvizu u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati permezz tal-pubblikazzjoni u affissjoni u dana billi, fl-10 ta' Gunju 2014 saret l-affissjoni gewwa l-Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar, l-Ghassa tal-Puluzija gewwa San Pawl il-Bahar u fl-indirizz ta' l-intimat (fol 12 tergo), saret il-pubblikazzjoi fil-Gazzetta tal-Gvern fit 13 ta' Gunju 2014 (fol 16) u fit-Times of Malta fit 12 ta' Gunju 2014 (fol 14).

Illi fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2014 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 19).

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2014 il-konvenut gie imsejjah izda ma deherx, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa’ t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef, tmien mija u erbgha Euro u zewgt centezmi (€3,804.02) ghar-ragunijiet kif ahjar deskritt fl-avviz.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------